**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 10/2021 RM**

**Gasan Mamo Insurance Limited [C-5030] flimkien ma' Thomas Smith Insurance Agency Limited [C-5637] bhala agenta tal-istess GasanMamo Insurance Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**-vs-**

**Angus Camenzuli**

**Illum, 24 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-atturi pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Jannar 2021 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' sitt elef, hames mija u erbgha u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€6,534.64) rapprezentanti danni, imghaxijiet u spejjez gudizzjarji li l-istess atturi kienu kostretti li jhallsu b'applikazzjoni tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta lil Mapfre Middlesea Insurance plc kif ukoll spejjez gudizzjarji ohra inkorsi minnhom per konsegwenza ta' incident stradali li sehh fil-21 ta' Awwissu 2014 fi Triq Rue D' Argens, Gzira bejn il-vettura KAE 934 misjuqa mill-intimat, u l-vettura JBJ496. Dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut skont kif jirrizulta mis-sentenza moghtija

mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fis-(16) ta' Settembru elfejn u ghoxrin (2020) fl-atti tal-Appell Nru: 72/2018 fl-ismijiet **Middlesea Insurance pls et vs GasanMamo Insurance Limited et**. Dakinhar tal-incident, il-konvenut ma kienx kopert bil-polza tal-assigurazzjoni mahruga kemm minhabba li huwa kien taht l-eta` minima li kienet koperta fit-termini ta' dik il-polza, kif ukoll ghaliex huwa kien xtara l-vettura minghand il-persuna assigurata u naqas kemm li javza lill-assiguratur bil-bidla tas-sid, kif ukoll naqas li jirregistra dan it-trasferiment mal-Awtorita` tat-Trasport.

Flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma b'effett mis-sittax (16) ta' Dicembru elfejn u ghoxrin (2020) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12, Ittra Nru 2795/2020.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa l-konvenut huwa ingunt.

Rat illi llum stess, waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2021, il-konvenut debitament notifikat u assistit mill-abbli avukat tieghu, irregistra ammissjoni ghat-talba attrici u pprezenta wkoll nota ta' ammissjoni;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut;

Rat illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess atturi s-somma ta' sitt elef hames mija u erbgha u tletin Euro u erbgha u sittin centezmu (€6,534.64) ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors**

**promotur, bl-imghax mis-16 ta' Dicembru 2020 u bl-ispejjez kif mitluba fl-istess Rikors.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**